ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Kompetenzi Ewlenin

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2022

L-GĦAXAR SENA L-ISTORJA (ĠENERALI) L-ISKEMA TAL-MARKI

1. (a) Sors A: il-karozza tal-linja (2)
Sors B: il-ferrovija (2)
Sors C: il-lanċa jew id-dgħajsa tal-pass (2)
Sors D: it-tramm (2)

(b) il-ferrovija, it-tramm (2,2)

(ċ) *L-istudenti huma mistennija jagħtu tagħrif bażiku dwar wieħed minn dawn il-mezzi ta' trasport*:

Stampa A: il-karozza tal-Linja
Bdiet taħdem f'Malta fis-seklu 20; saret popolari; kellhom kuluri u numri skont ir-rotta tagħhom; twassal lill-passiġġiera minn belt jew raħal għall-ieħor; kienet aktar komda mit-tramm u l-ferrovija għax kienet twassalhom aktar qrib fejn iridu jmorru.

Stampa B: il-ferrovija
Kienet taħdem f'Malta lejn l-aħħar tas-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20; kienet twassal lill-passiġġiera bejn il-Belt Valletta u l-Imdina b'waqfiet fi stazzjonijiet matul ir-rotta fosthom fil-Ħamrun, f'Birkirkara u f'Ħ'Attard; kienet taħdem bil-faħam u timxi fuq linji tal-ħadid.

Stampa D: il-lanċa jew id-dgħajsa tal-pass
Il-laneċ jew motor-boats kienu jaħdmu bil-mutur bejn il-Birgu u l-Belt Valletta fil-Port il-Kbir u bejn tas-Sliema u l-Belt Valletta fil-Port ta' Marsamxett. Qabel il-lanċa, kien hemm id-dgħajsa tal-pass li kienet taħdem bil-qdif mill-barklor. Kienu jintużaw speċjalment mill-baħrin u s-suldati Ingliżi.

Stampa D: it-tramm
Kien jaħdem f'Malta fil-bidu tas-seklu 20 permezz tal-elettriku u jimxi fuq linji tal-ħadid; kellu tliet rotot minn Birkirkara, minn Ħaż-Żebbuġ u minn Bormla lejn il-Belt Valletta. (6)

(Total: 18-il marka)

2. (a) Sors E juri mara jew tfajla timla l-ilma mill-vit jew għajn fit-triq jew pjazza tar-raħal. (2)

Sors F juri raġel bil-karettun miġbud minn ħmara. Jidhru xi ħxejjex fuq il-karettun u nisa mdawrin miegħu aktarx biex jixtru xi prodotti. (2)

Sors G juri raġel b'numru ta' mogħoż iduru fit-toroq tar-raħal sabiex ibigħ il-ħalib bieb bieb. Il-mara qed tistennieh jaħleb il-mogħża. (2)

(b) Sors E. Illum is-servizz tal-ilma hu provdut dirett fid-djar. (2)

Sors F. Illum il-bejgħ tal-prodotti jsir mill-ħwienet, mill-monti jew jinbiegħ bil-vannijiet filwaqt li żdied ix-xiri minn fuq l-internet. (2)

Sors G. Illum ħafna mill-ħalib jinxtara mill-ħwienet f'pakketti jew fliexken u jrid ikun ippasturizzat. (2)

(ċ) Il-mard tad-deni rqiq kien jittieħed mill-ħalib tal-mogħża mhux ippasturizzat. It-tabib Sir Temi Żammit skopra r-relazzjoni bejn din il-marda u l-ħalib tal-mogħża. (4)

(Total: 16-il marka)

3. (a) mat-Tieni Gwerra Dinjija (2)

(b) Sors H. L-ajruplani tal-għadu qed jitfgħu l-bombi mill-ajru. (2)
Sors I. Nies jistkennu f'xelter waqt attakk mill-ajru matul it-Tieni Gwerra Dinjija. (2)
Sors J. Ritratt tal-Port il-Kbir bis-suldati lesti fuq il-kanun sabiex jisparaw lejn l-ajruplani tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija. (2)

(ċ) L-Italja jew il-Ġermanja (2)

(d) Il-Maltin kienu jitolbu, jitkellmu u jistennew li jispiċċa l-attakk mill-ajru. Kien ikun hemm rassa u skumditàminħabba n-nuqqas ta' spazju. (4)

(e) *Aċċetta waħda minn dawn it-tweġibiet jew tweġiba oħra tajba:*
nuqqas ta' ikel u prodotti essenzjali; prezzijiet ogħla; telf ta' qraba u ħbieb minħabba l-attakki; twaqqigħ ta' djar u bini; tħarbtet il-ħajja ta' kuljum bħal xogħol u skola; bosta minn dawk li kienu jgħixu qrib il-portijiet kellhom isibu refuġju fi rħula oħra; biża' kontinwa ta' attakk. (2)

(Total: 16-il marka)

Total tal-karta: 50 marka